**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**
**-vs-**
**Spiridione Camilleri, detentur tal-karta tal-identità 173465M;**

Illum, 30 t'April, 2025

*Kumpilazzjoni Nru. 658/2019*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Spiridione Camilleri** u ċioè` talli:

**Fil-lejl ta' bejn l-01 u it-02 ta' Dicembru 2020 għal ħabta ta' 04:30 ta' filgħodu f'dawn il-Gżejjer:**

1. Ikkaġuna att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fih innifsu, ma jikkonstitwixxi wieħed mid-delitti ikkonsmati jew attentati imsemmija fl-artikoli 198 sa 206, it-tnejn inklużi ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' Omissis, fejn waqt ir-reat għamel użu minn arma irregolari. **Artikolu 202 (e)(l)(n), 207, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Aktar talli fl-istess ċirkostanzi ikkaġuna lil Omissis id. 2103L, il-biża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuni jew il-propjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap 9. **Artikolu 251B(1) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. U aktar talli fl'istess data ħin u ċirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost għal pubbliku u dan bi ksur tal- **Artikolu 209 ta' Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;**

4. Bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-imsemmija Omissis kontra l-volontà tagħha u dan bħala mezz biex tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha, **Artikolu 86, 87(g) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti ġiet mitluba li titratta lil ***Spiridione Camilleri*** bħala reċidiv ai termini tal-**Artikoli 49, 50, 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l- **Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta** għas-sigurtà tal vittma u il-familjari tagħha.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal- imsemmija Omissis u lil familja tagħha, u minn issa tapplika l-provedimenti tal- **Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl **Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tad-19 ta' Jannar, 2023,[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

Fl-artikoli 207 u 202(e)(g)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 251B, 222(1), 251Ċ, 251D(3), 251H(d), 251HA, 202(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 15A, 17, 18, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] Fol.238-239

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2023, l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena;

Ħadet konjizzjoni tan-nota tal-imputat ppreżentata fit-8 ta' Novembru, 2024;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-20 ta' Frar, 2024.

**<u>Il-Provi</u>**

**L-Ispettur Doriette Cuschieri** spjegat kif sar rapport li tfajla ta' 17 il-sena, Omissis, sfat vittma ta' atti sesswali kontra l-volontà tagħha minn ċertu Spiridione Camilleri li kien sar midħla tal-familja tagħha tant li anke kien jiekol magħhom.[3] Kemm hi kif ukoll sħabha kienu jużawh biex iwassalhom anke fit-tard bil-lejl. Dakinhar tat-2 ta' Diċembru, 2020, bagħtet messaġġ lill-imputat biex iwassal lil *boyfriend* tagħha minn darha Ħaż-Żabbar lejn daru f'Birkirkara. Huma u sejrin lura lejn Ħaż-Żabbar, Spiridione beda jgħaddi minn toroq differenti u spiċċaw f'post mudlam ħdejn xatba safra. Camilleri kien isuq Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni LCA678. Omissis stqarret li l-imputat waqqaf il-vettura w sakkarha. Ħareġ arma qisha mannara minn mal-*sunvisor* tan-naħa tax-xufier u għamililha ma għonqha; bil-biża li ħakmitha kellha *nausea* kbira. Kif għaddiet karozza minn ħdejhom għamilha dik li għaliha kienet arma ma għonqha biex ma tgħajjatx. Spjegat lill-ispettur li kienet lesta tagħmel dak li ried basta jneħħi 'l-arma'.

Omissis semmiet kif l-imputat neża l-qalziet u talabha ittieh *blow-job* iżda ikkonvinċietu li minflok tagħmillu *hand-job*. Beda jbusha u jgħidilha toħroġ ilsienha biex *"jerda iz-zibġa ta' lsienha"*. Meta lesta, tnaddaf u libes filwaqt li

[2] Fol.240
[3] Fol.226

ammoniha li din kienet ta' darba w kemm il-darba tikxfu kien ser joqtolha. Minn hemm wassalha d-dar, fejn malli wasslet imbikkija qalet b'kollox lill-ommha. Beżgħet tagħmel rapport peress li Camilleri semmielha li fil-passat kien wasal jagħmel xi vendikazzjonijiet.[4] Il-vittma semmiet kif kien taha ċwievet ta' vettura w qalilha li, meta ġġib il-liċenzja issir tagħha. Taha ukoll ċwievet ta' post f'Birżebbuġa li jiġbor minnu €750 kera mensili li kien lest itiha lilha.

Camilleri ġie arrestat u mill-vettura tiegħu ġew elevati mobile phone[5] li ttieħidlu meta kien l-Għassa, *bottle opener*[6] u *plastic scrap*er bajda[7] li ġew esibiti minnha.

L-ispettur preżentat l-**Current Incident Report**[8] li ġie konfermat minn **WPS379 Stefanie Zammit.** Dan sar ħames sigħat wara l-akkadut u ċioe fid-9:45am. Minn hemm jirrizulta kif Omissis stqarret li meta rat dik li għaliha kienet mannara, bdiet twerżaq u hu qalilha *"jekk twerzaq darb'oħra inħanxarlek rasek. Hawnhekk toqtol u tidfen, ma jsibukx".*[9] Wara l-akkadut baqa' jdur bil-vettura sabiex itiha ċans tikkalma, u biex teħles minnu qaltlu li ikkalmat u wegħdietu li ma kienet ser tlissen xejn dwar dak li seħħ.[10]

Fl-<u>istqarrija</u> tiegħu l-imputat jibda biex jgħid li kien sar jaf lil Omissis u lil ħabibitha sentejn qabel il-każ meta fil-festa ta' San Pietru kienu marru jgħinuh fil-bar li kien jarma. Semma kif kienet il-ħin kollu titolbu jwassalha l'hawn u l'hemm bil-karozza tiegħu, inkluż lil ommha u s-sieħeb t'ommha, *"dan lahhar kont nidħol għandhom regolari. Sirt qisni t-tifel tagħhom"*.[11] Kien iwassal lil Omissis f'ħinijiet mal-lejl u anke jinforma l-ommha meta kienet ser terġa toħroġ fis-sigħat bekrin. Żied *"Hi kemm il-darba kienet toqgħod tipprovokani, tilbes skullat, tinkini bil-misluta ta' lsienha. Jien tad-demm u l-laħam ukoll. Kienet toqgħod tibgħatli messaġġi bil-bews."* Meta tkun riekba fis-seat ta' wara fil-vettura tiegħu kien jara mill-mera titbewwes u tkun intima mas-sieħeb li jkollha magħha, *"jien kull ma għidtilha li nixtieqha iddewwaqli l-misluta ta' lsiena".*

Spjega kif fil-jum ta' qabel għal xi 8pm, bagħtitlu messaġġ biex imur għaliha ħalli jiġbru lill-ħabib tagħha minn B'Kara biex jiġi magħha d-dar iżda wara

---

[4] Fol.227-228
[5] **Dok.DC1** a fol.225
[6] **Dok.DC2** a fol.225
[7] **Dok.DC3** a fol.225
[8] **Dok.NPS1** a fol.231 et seq
[9] Fol.228
[10] Fol.233
[11] Fol.12-13

qaltlu li kienet ser twasslu ommu. Baqgħet miegħu li kellha iċċempillu biex jieħdu lura d-dar. Meta saru xi 3am mar għalih u ħaduh id-dar. Kompla:

> *"aħna u ġejjin lura lejn Ħaż-Żabbar jien għaddejt minn Ħal-Luqa u bqajt sejjer Ħal Far ħdejn il-Playmobil. Waqaft bil-karozza u għidtilha ' Issa llum ha jkollok iddewwaqni z-zibġa'. Kif għidtilha hekk jien ġibt il-paletta tal-plastic ta'kulur abjad li nzomm fuq dik tax-xemx tal-karozza. Ngħid li biha żgur ma tista qatt tweġġa pero Omissis bezgħet minnha għax naħseb li ħasbitha sikkina, qaltli 'issawwatnix, twegganix, ha nbusek'. Hi resqet għal fuqi biex tbusni, ħargitli l-parti tiegħi minn jedda u waqt li kienet qed tbusni qadgħet tilgħab bil-parti tiegħi mingħajr ma ġgħeltha jien. Baqgħet tilgħab miegħi sakemm ġejt, xi 2 minutes kollox. Hi stess qabdet it-tissues li ghandi fil-karozza u mesħitni. It-tissues ma nafx x'għamlet bihom. Tellajt il-qalziet u tlaqt inwassalha d-dar. Jien tlaqt lejn id-dar tieghi."*.[12]

Mistoqsi kif ħassu meta ħass li Omissis kienet qeda tinkieh jwieġeb *"jien tad-demm u laħam bħal kulħadd...Jien niġi n-nannu tagħha pero jien ħabbejtha u kont inġib rispett lejha"*.[13] Jinnega li kien qed jirreferi għall-parti intima meta semma *"iz-zibġa"* u jiċħad li heddidha bil-biċċa tal-plastic, li jirrizulta kienet *ice scraper tal-fridge.* Jammetti li kemm il-darba staqsieha biex ibusha iżda kienet tgħidlu li għaliha huwa jiġi nannuha. Mistoqsi għaliex heddidha u werwirha bl-*ice scraper* sempliċiment għaliex rieda tbusu u għaliex ħadha f'post daqshekk imwarrab, stqarr *"Għax ilha tipprovokani sentejn, tikxifli l'hemm u tikxifli l'hawn u jiena tad-demm u l-laħam"* u jkompli li hi spontanjament qabdet timmasturbah.

Għalkemm jgħid li ma kienx sakkar il-bibien tal-vettura jammetti li fetħilha l-bieba minn naħa tagħha għax kienet imbezza u bdiet taqta' nifisha. U hawn propju fejn joħroġ l-għemil kriminuz tiegħu peress li din hi ammissjoni li minkejja bdiet tibża u għalhekk ma kienx hemm xi kunsens minn naħa tagħha ħass li ma kellux jerġa lura mit-talba tiegħu *"la ghidtilha biex tbusni kellha tbusni. Xejn ta' barra minn hawn imbilli tbusni wara sentejn"*. Għalkemm jerġa jgħid li Omissis setgħet tinżel mill-vettura x'ħin riedet, meta rinfaċċjat bil-fatt li Omissis bdiet twerżaq u kienet imbezza tant kemm kien qed isir kollox kontra l-volontà tagħha, jammetti li kellu jkun hu li malli raha qed taqta nifisha *"jien inzilt u ftahtilha l-bieba"*[14]. Mela tassew ma setgħetx tinżel mill-vettura liberament!

Mitlub jikkummenta kif tfajla ta' sbatax il-sena imbezza kif kienet wara li ġiet meħuda f'post imwarrab wara l-fabbrika tal-Playmobil fil-ħin bikri tal 4:30am

---

[12] Fol.13
[13] Ibid.
[14] Fol.14

setgħet taqbad u titlaq, it-tweġiba tiegħu għandha mill-insolenza *"Setgħet ċemplet il-mobile u ċċempel lil xi hadd jiġi għaliha"*.[15]

**Stephen Cachia**, in rappreżentanza ta' Transport Malta, xehed li l-vettura LCA678 kienet reġistrata fuq l-imputat mit-28 ta' Ġunju, 2019.[16]

**Omissis**, il-vittma spjegat li fiż-żmien l-akkadut kellha sbatax (17) il-sena. L-imputat kien magħruf bħala 'l-One'. Wara li kienu iltaqaw fil-festa ta' B'Bugia, sar midħla tal-familja tagħha tant li kienet tqisu bħala nannuha w kienu jiltaqgħu xi ħames darbiet fil-ġimgħa bejn ikliet għandhom jew jiltaqaw biex jaraw xi logħba football.[17]

Dakinhar tal-akkadut kienet id-dar m'ommha u mal-*boyfriend* tagħha, Cleaven, jaraw film. Omm Cleaven kienet ser tgħaddi għalih iżda Spiridione offra biex iwasslu hu.[18] X'ħin saru xi 2:50am-3:00am bagħtitlu messaġġ biex jiġi għalihom. Għall-imputat ma kienx ħin stramb peress li kien jaħdem b'taxi ma kumissjonant.[19] Kif wassluh B'Kara, mis-seat ta' wara tal-vettura marret fuq is-seat ta' quddiem; hi kienet liebsa bil-*pyjama*. Waqaf f'fetħa fil-ġenb ta' triq li tagħti għal sqaq mudlam ***"għalaq it-tieqa tan-naħa tiegħu, sakkar il-bibien tan-naħa ta' wara; għax jiena l-bieba tieghi dejjem kont insakkarha. Harigli l-mazza mis-sun visor...ma kienitx mazza mill-kbar nett....fuq ħadid u manku tal-injam"***, daqs karta A4. Tefa' dan l-oġġett ma ghonqha b'idu leminija u qalilha ***"tghajjatx għax inhanxarlek rasek****...beda jissosani ruhu għax ghandi l-misluta ta' lsieni u għalih hija z-zibga. Beda jghidli dewwaqli z-zibġa"*[20] u lmenta li lil Cleaven iddewaqilu iżda lilu le. Tkompli: *"wara ..... [dak il-ħin hu baqa fuq is-seat tax-xufier u hi fuq tal-passiġġier]*[21] *....l-ewwel qalli biex intih blow job u jien ma accetajtx. Imbghad qaali mela tini hand job, kelli ntih hand job u nerda lilu, l-ilsien"*.[22] X'ħin niżżel is-seat 'il-mazza' poġġiha fuq id-*dashboard*.

Iddeskriviet kif ħassitha *"ixxokjata, imwerwra u ksaħt. Dak il-ħin ma kontx naf x'ħa naqbad nagħmel...iddecidejt li nagmel dak li qed jgħidli ovvjament għax ma ridtx nitlef ħajti b'dak il-mod. Kont imbezza ħafna ma kellix deċizjoni oħra, ma kellix xi tip ta' ghajnuna"*, madwarha kien post maħmuġ w abbandunat[23] fil-viċinanzi tal-fabbrika ST Electronics. Wara l-akkadut Camilleri ried li joħodha Birżebbuġa

[15] Ibid.
[16] Fol.98 u **Dok.SC** a fol.100 et seq
[17] Fol.26-27
[18] Fol.29
[19] Fol.31-32
[20] Fol.33-35
[21] Fol.36
[22] Fol.37
[23] Fol.38

iżda peress li kien tard ma aċċettatx u ommha kienet ilha ċċempilha. Hi ma rrispondietx l-ommha għaliex l-imputat ried joħodulha biex ma ċċempel lil hadd tant li kellha titfgħu fil-*panty* għax beżgħet li jarmieh barra mit-tieqa.[24] Qabel ma niżżlet mill-vettura ammoniha li kemm il-darba tikxfu kien ser joqtol lilha w l-ommha, għall-ewwel ma kienet ser tgħid xejn l-ommha b'dak li seħħ iżda iddeċidiet li tgħarafha b'kollox.[25] Waslet id-dar xi 5am u peress li l-pjan kien li l-għada kellu jdaħħalha l-Belt hi sabet skuża biex ma jmurx għaliha. Meta beda jipprova ċċempilha hi bdiet taqtalu. Bagħtilha messaġġi biex iċċempillu iżda baqgħet ma ċemplitlux.[26] Il-vittma għaddiet biex esibit dawn il-messaġġi[27] li ntbagħtu lilha mill-imputat il-jum ta' wara ftit qabel ma marret tagħmel ir-rapport l-Għassa. Esebiet ukoll messaġġi bejnha u ħabibitha, Kimberly Calleja.[28] Din infurmatha li Spiridione mar għaliha x-xogħol u talabha toħroġ tkellmu. Qalilha b'dak kollu li seħħ u hi qaltlu li ma kellux għalfejn ikellimhom aktar.[29]

Għalhekk **il-verżjoni tagħha tiġi korroborata sal-grad rikjest u, *multo magis*, anke mill-messaġġi li nstabu fuq il-mobile tal-imputat**.[30]

Wara l-akkadut Camilleri talabha lura ċwievet ta'post li kien jikri w li ried jdawwru fuq isimha w minflok ried jagħtiha l-kera ta' €750 xahar. Hi rrifjutat tieħu dawn il-flus u ċ-ċwievet ħalliethom l-għassa biex ma tiltaqax miegħu.[31] Meta ċempel l'ommha wara li ma setgħax jagħmel kuntatt magħha dak inhar tal-każ, sar rapport l-għassa. Rapport ieħor sar wara li mal-bieb tad-dar instabu kiwi, li kienet allerġika għalih, u ħadid fis-serratura.[32] In-numru tal-imputat kien reġistrat fuq il-mobile tagħha bl-isem "One taxi bar" kif saret tafu sentejn qabel mill-festa.[33]

In kontro-eżami spjegat li ma rat xejn ħażin li toħroġ mal-imputat f'sigħat bikrin biex takkumpanja l-*boyfriend* tagħha għaliex kien parti mill-familja w qatt ma rat għajn ħażina minnu. Kien jagħmel vjaġġi dak il-ħinijiet peress li kien jaħdem ma kumissjonant u mhux biss bħala taxi b'hekk kien ikun imqajjem. Flus ma kienx iżommilhom u kien midħla ta' familtha tant li kien anke joħroġ

[24] Fol.39
[25] Fol.41
[26] Fol.42
[27] **Dok.NS1** a fol.56 et seq
[28] **Dok.NS2** a fol.64 et seq
[29] Fol.44
[30] Vide Rapport **Dok.SFS1** a fol.180 et seq
[31] Fol.46-47
[32] Fol.48
[33] Fol.53

magħhom. Kien bniedem ġeneruż u anke kien qalilha li jdawwar flat fuq isimha biex il-kirja toħodha hi jew jekk trid toqgħod fih hi.[34] Tkompli:

> *"Li jittantani imma u qatt ma gie jmiss idu fuqi jew ipprova jaghmel xi haga sesswalment u* *qas jghannaqni* *ma kien dan il-persuna jigifieri jien* ***b hekk mohhi qatt ma marli li ha jasal jaghmilli hekk lili għax ehe rispett rajt minnu*** *bhal ma jiena kont nurih rispett lilu. Fil-fatt fil-messaġġi* ***sa 'nannu' kont nghajjatlu*** *lil dan il-persuna jiena għax naf li* ***jekk kien jinqalali xi haga kien ikun hemm għalija*** *jigifieri jiena nghid it-tajjeb u l-ħażin fuqu pero ehe ma kontx naf li ha jasal jaghmilli hekk...."*[35]

Lejn tmien ix-xiehda tagħha ttenni:

> *"niftakar li kont dhalt go sqaq u din l-isqaq kienet minn hawn wide u kien hemm il-fabbriki niftakar u jekk tidhol hekk tibqa sejjer go sqaq u toħroġ għal xi triq kif kien qalli hu għax x' aktar veru toħroġ għal go xi triq għax* ***f' ħin minnhom għaddiet karozza u rgajt spiccajt bil-mannara ma' ghonqi biex ma nghajjatx*** *jiena jigifieri l-isqaq jinfed għal xi triq żgur. ……* *kien id-dlam u ma stajtx nara sew* *……. qabel ma nzilt mill-karozza kien qalli: "Tikxifnix għax jekk tgħid lil xi hadd lil ommok noqtol." U* *meta dhalt id-dar kien bghatli u hemmhekk beda joffrili fil-fatt il-flus 700 habba l-flat biex nipprova naghlaq halqi."*.[36]

Fil-fatt il-messaġġi biex imorru għand in-nutar biex idawwru l-flat fuqha, intbagħtu lilha fit-2 ta' Diċembru fit-3pm; evidentement wara li wassalha lura d-dar wara l-akkadut.

**Omissis 1**, omm Omissis, spjegat kif l-imputat kien sar qisu wieħed tal-familja u kien ilu jidħol għandhom għal madwar sitt (6) xhur. Bintha u l-imputat kienu ilhom jafu lil xulxin għal madwar tlett snin peress li bintha kienet tmur tgħin il-każin tal-banda fiż-żmien li kienu jgħixu Birżebbuġa. Fit-2 ta' Diċembru, 2020 xi 5:10am kienet fil-kċina tistenna lil Omissis li kienet telqet mid-dar ma Cleaven xi 3:15am biex jitwassal Birkirkara. Xħin daħħlet lura ratha bajda karti u qaltilha *"'hallini, hallini. Anzi qed tarani hajja'"*.[37] Wara li ġgħelitha tgħidilha x'ġara spjegat *"imbagħad qaltli x'beda jghidilha biex taghmillu. Qaltli biex taghmillu blow job ma ghamlitlux jigifieri u hafna dawn l-affarijiet.... Beda jerdaha...... Qaltli ma nixtieqx naghmillu rapport. Ghedtilha le..... beda jheddidha li joqtolha."*[38]

Aktar tard sabet numru ta' *missed calls* mingħandu w ċemplitlu lura w dan ried ikellimha fuq bintha, li dak il-ħin kienet f'kamritha tibki: *"Qalli gara hafna u ma garax. Ghedtlu imma x'gara ? qalli nista kemm nigi nkellmek id-dar ? qalli għax mhux*

[34] Fol.254-257
[35] Fol.257-258
[36] Fol.264-265
[37] Fol.77
[38] Fol.79-80

*ta fuq il-mobile. Ghedtlu jien id-dar ma rridekx għax jien it-tifla qaltli b'kollox. Jien dak seta gie d-dar, seta qatilni lili u t-tifla dak. Jien għalhekk ma ridtux jiġi d-dar."*[39]

Lejliet il-Milied rat lill-imputat għaddej minn quddiem ir-residenza tagħha wara li bdiet tinbaħ il-kelba hi u titla' mal-ħġieġ tal-bieb. Issostni li kien hadd ħliefu li poġġa l-kiwi wara l-bieb, frotta li Omissis tibża minnha għaliex allerġika għaliha.[40] Tikkonferma li lilha qatt ma taha fastidju u qatt ma mexa ħażin magħhom.

Mill-fedina penali aġġornata, esibita fuq ordni tal-Qorti, jirriżulta li l-imputat <u>instab ħati ta' fastidju w li kkawża biża lil Omissis 1 u Omissis fil-jum tal-Milied 2020</u>.

**Kimberly Calleja** spjegat kif saret taf lill-imputat tramite Omissis li irriferiet għalih bħala 'il-One' li kien isuq taxi iżda ma kienx ikun irid jitħallas mingħandhom. Lilha kien iwassalha lura d-dar u jġibha mix-xogħol għand il-*boyfriend*. Peress li ma kienx jieħu flus ġieli ħallsulu xi ikla meta kien joħroġ magħhom u ma ħbiebhom.[41] Camilleri wrietha messaġġi fejn Omissis kienet tibgħatlu bews u qalilha *"ara x'toqgħod tibgħatli"*. Qatt ma rat għajn ħażina minnu.

Dakinhar tal-akkadut ġabarha mix-xogħol xi 6am u wara daħħlet torqod. Xi 9am ċemplilha u talabha toħroġ tkellmu:

> *"Gie hdejn il-bieb tad-dar u qalli li kkancella il-lezzjoni tal-karozza. Ghidtlu imma għalfejn jiena? Ghidtlu ghandi l-lezzjoni tal-karozza? Qalli hu naqra pacenzja qalli għax <u>inqalghetli naqra problema</u> jiena. Ghidtlu xi problema inqalghetlek? <u>Qalli għax bisitni Omissis u marret tgħid lil ommha</u>. Issa Luan [recte: 'il-One'] kien qalli wkoll li xtralha karozza Toyota. Kien anke' urieli ritratti tagħha, bajda, minn fuq il-mobile u kien anke' qalli illi taha xi cavetta tad-dar għax kellu xi dar u riedu jmorru ghand in-Nutar biex Omissis, aw biex id-dar ta' Luan [recte: 'il-One'] tinqaleb fuq Omissis u qalli li jridha din ic-cavetta. Jien sadanittant ma kontx naf x'inhi s-sitwazzjoni, x'gara.* ***Jien kull ma qalli li bisitu u marret tgħid lil ommha****. Ghidtlu issa, ghidtlu rrid ingibilek jien ic-cavetta? Ghidtlu immur nghid lil Omissis? Ghidtlu wassalni hdejha Haz Zabbar. Cempilt lil Omissis, mort hdejha Haz Zabbar, wassalni Luan, telaq, imbagħad bdiet tghidli kollox x'gara Omissis. ......* ***U bdiet tghidli Omissis li, x'gara. Qaltli li qabad sikkina, beda jheddidha biha. Qallha biex bilfors tbusu u biex taghmillu hand job.*** *Ovvjament Omissis bezghat, ghamlet li ghamlet, marret id-dar, infaqghet tibki u marret tgħid lil ommha u*

[39] Fol.80-81
[40] Fol.83
[41] Fol.106-107

*ommha qaltlilha, aw u lil ommha qaltilha irringrazzja li rajtni hajja. ..... Morna wkoll ghand wahda Samira u ghamel tliet kwarti gewwa, jien nistennieh fil-karozza...... ikellem lil ommha.... u jiena hallini ovvjament tliet kwarti gol-karozza. Cempiltulu intom, qalilkom li kien sejjer il-Mosta. Kellu jmur għal habibti Tas-Sliema l-ohra biex iwassalha il-post tax-xogħol. Spiccajt mort miegħu Tas-Sliema biex inwassluha. Wassalni Birżebbuġa u ma smajtx ergajt bih."*[42]

Kull darba li rikbet miegħu kien isemmi li Omissis tibgħatlu l-bews, *"Sa anke' kien qalli li kien jixtrilhom l-affarijiet bhal patata, kienet iccempillu, vodka, u kienet iccempillu anke' Omissis f'nofs ta' lejl biex imur igibilha Mc Donalds. Sa anke' l-kelba kien izommilha jigifieri lil Omissis u barra minn hekk, kien ihallas kollox hu meta kien imur jixtrilha lil Omissis."*[43]

**Samira Richard,** ħabiba ta' Omissis li kienet taħdem magħha fil-Care Home, spjegat kif kienet sar taf x'ġara mingħandha.[44] Ċemplitilha xi 9am-10am u **semmietilha kif Camilleri prova jbusha u prova jagħmel xi affarijiet magħha, "*hands job*".**[45] **Qalilha li jekk ma jbushiex iħanxrilha rasha b'xi sikkina.**[46] Camilleri kien iwassalha u jiġborha ta sikwit u qatt ma kien hemm xi ħaġa aktar. Kien anke ħabib tal-ġenituri tagħha u *"Jiena mieghi qatt ma prova xejn. Dejjem kienet normali il-ħaġa ta' bejn ħbieb hux"*.[47] Kienet baqgħet ħbieb kemm ma Omissis kif ukoll mal-imputat.[48]

Omm Samira, **Elisabeth Ann Richard**, spjegat kif l-imputat kien iwassal lit-tifla tagħha u Omissis ix-xogħol jew meta jkunu ħierġin. Kien anke joffrilha biex meta ma tistax twassalha jew tiġborha hi, jmur hu.[49] Hi u żewġha baqaw ħbieb tiegħu.[50] Kompliet kif dejjem ġid raw mingħand l-imputat u ħlief affarijiet pożittivi ma setgħet tgħid xejn aktar dwaru.[51]

**Cleaven Busuttil** spjega li kien jaf lill-imputat mindu beda joħroġ ma Omissis xi sena w nofs qabel. Kien iwassalhom postijiet, imur għalihom matul il-lejl u lilu ġieli wasslu d-dar.[52]Dakinhar tal-akkadut kien qed jiekol magħhom id-dar qabel ma telaq. Lil Omissis qalilha tibgħatlu biex iwasslu d-dar u meta kienu xi

[42] Fol.108-109
[43] Fol.110
[44] Fol.116
[45] Fol.118
[46] Fol.119
[47] Fol.121
[48] Fol.122
[49] Fol.124
[50] Fol.125
[51] Fol.127
[52] Fol.138

3:30am hekk għamlet.[53]Meta qam l-għada, sab ħafna *missed calls* mingħand Omissis li wara li kellimha sar jaf li ġiet abbużata sesswalment. Jispjega:

> *"dak il-ħin tibki biss u hlief biki. Imbagħad kellha tghidli ommha. Mhux hi propja għax ma felhitx tghidli għax bdiet tibki hafna. Inwerwra kienet. .....ezatt spjegatli fid-detall imbagħad[54].... beda jerdaha jigifieri imbagħad geghelha iggerijulu u beda jmissilha sidirha u hekk, dak li qaltli imbagħad. Imbagħad sakkarha fil-karozza u hekk. Hargilha xi tip ta sikkuna, mannara. Dak li qaltli imbagħad.... [Pros: u spjegatlek l-ambjent fejn kienu ?]...go sqaq, go tip ta sqaq. Imma ma nafx fejn kien eżatt.... imbagħad marret taghmel rapport Haz-Zabbar stess. Imbagħad ma smajtx, imbagħad ghamlet gurnata shiha ma tkellimnix għax bdiet taghmel .... rapport għax mhux Haz-Zabbar biss marret, ma niftakarx fejn marret imma ezatt".*[55]

In kontro-eżami meta mistoqsi kienx jaraha stramba li Omissis toħroġ fis-sigħat bikrin mal-imputat tenna li fi kliemha hi kienet tqisu bħala nannuha.[56]

**Nicole Spiteri** semmiet kif kienet Kimberly Calleja li laqatha mal-imputat li kien jagħmel magħhom xogħol ta' taxi mingħajr ħlas.[57] Dwar dak li ġara lil Omissis kien l-imputat, li flimkien ma Kimberly marru d-dar tagħha, li qalilha li *"hu bies lil Omissis."*. Meta staqsietu għaliex biesha meta jaf li kellha *boyfriend ,"Qalli li kienet taqbad miegħu hafna messaġġi, kienet tibgħatlu xi kisses, però kif kont ghidltlek, il-parti tal-messagg qatt ma kien uriehuli, ħlief il-biċċa fejn kien ikun hemm il-kissess u li kienet taqbad miegħu billi turih il-misluta ta' lsiena. Qalli hu però, jien qatt ma rajt xejn".* Ftakkret li xi hadd semma *li "Harġilha sikkina....Spiridione lil Omissis".*[58]

**Dr. Steven Farrugia Sacco** ppreżenta r-rapport tiegħu li kien jittratta l-mobile phone tal-<u>imputat</u>. Għalkemm ġie nominat sabiex jeżamina l-mobile ta' Omissis dan ma kienx fl-atti u, għal xi raġuni li din il-Qorti kif preseduta llum hi nieqsa mill-għarfien dwarha, baqa qatt ma ġie esibit u wisq anqas eżaminat mill-espert.[59] Ma rriżulta xejn sinifikanti mill-ftit messaġġi li nstabu.

L-imputat **Spiridione Camilleri** għażel li jieħu l-pedana tax-xiehda w innega kollox minn dak li semmiet il-vittma. Ix-xiehda tiegħu tant hi konvoluta fejn ir-risposti li jagħti huma distakkati mill-buon sens tant li jirriżentaw il-ludikru.

---

[53] Fol.138
[54] Fol.140
[55] Fol.140-142
[56] Fol.143-144
[57] Fol.161-162A
[58] Fol.162A-164
[59] Fol.178-179. Rapport esibit bħala **Dok.SFS1** a fol.180 et seq

Kien ikun ħafna aħjar għall-imputat li ma jixhidx peress li dik ix-xiehda serviet sabiex jiġi ssiġġillat il-każ tal-prosekuzzjoni:

> *"Xhud: Dakinhar tal-każ kull ma tlabtha bewsa jien biss. Nahlef. ....Nahlef fuq il-partner tieghi li suppost kellha tixhed. Kellha tixhed il-partner tieghi...... Qatt m ghidtilha xejn jien. Ghidtilha: "Bhal ma tbus lit-tali tista tbus wahda lili."*
>
> *Qorti: Għaliex kellha tbusek? Skuzani ta.*
>
> *Xhud:* ***Għax kont inwassalhom kuljum u mhux darbtejn jew tlett darbiet.***
>
> *Qorti: Mhux ahjar staqsejtha għal ghoxrin ewro milli tbusek.*
>
> *Xhud: Jiena qatt ma hadtilhom flus anzi pjuttost kont nonfqilhom u mhux kif qalet ommha. Jien kont nonfqilhom u nsajrilhom.*[60] *...... Cemplitli fil-hdax ta' bil-lejl qaltli: "Jekk incempillek aktar tard tiġi għalija u għall-għarus biex twasslu B' Kara? Għax irridu noqghodu naraw video d-dar." Ghidtilha: "All right, cempel x' ħin trid" jien. Imbgħad xi nofs il-lejl cempiltilha u ghidtilha: "Rajtuh it-talkies jew x' kellkom taraw għax issa sar il-ħin." Qaltli: "Għadna m ahniex lesti." U* ***cempluli fit-tlieta ta' filghodu*** *u mort għalih Haz-Zabbar ghand ommha stess, mort għalihom Haz-Zabbar u mal-għarus nizlet hi wkoll u qaltli: "Issa lili erga gibni lura." Wassaltu B' Kara u f'nofs ta' triq jien ghidtilha: "Isma bhal ma tbus lit-tali tista tagħti bewsa lili." Daqshekk biss. ….* ***Qaltli: "Le għax inti tiġi n-nannu tieghi****…… Mela wassaltha d-dar. Kienu saru l-****hamsa ta' filghodu****…… Kull ma waqaft* ***lanqas two minutes****.".*[61]

Kien Cleaven Busuttil li semma li kien l-imputat offra biex iwasslu meta kien qed jiekol magħhom aktar kmieni u mhux kif jixhed l-imputat. [62] Dimostrazzjoni oħra kif l-imputat lanqas fuq dettalji inokwi mhu kapaċi jgħid il-verità!

Camilleri mhux kapaċi jagħti spjegazzjoni li għandha mis-sewwa għaliex sabiex jasal lura Ħaż-Żabbar minn B'Kara kellu ħtieġa mhux biss jgħaddi minn Birżebbuġa, iżda sahansitra għażel li jħalli trid passaġġ biex jidħol go trejqa mudlama Ħal-Far, dan kollu sabiex fi kliemu, ***"Dakinhar tal-każ kull ma tlabtha bewsa jien biss. Nahlef"***[63].

Iktar minn hekk ma jagħmilx sens li biex sempliċiment jieqaf jitlob bewsa, kellu bżonn minn B'Kara jagħmel *detour* għal B'Bugia, l-Airport u Ħal-Far biex itawwal vjaġġ ta' għoxrin minuta ċirca għal madwar siegħa u nofs!!

---

[60] Fol.278-280
[61] Fol.281-282
[62] Fol.138
[63] Fol.280

Din is-silta turi tassew kif l-imputat mhux koerenti u wisq anqas konvinċenti fil-verżjoni li jagħti, tant li anke **l-abbli difensur tiegħu b'onesta u b'dik il-lealtà bħala uffiċjal tal-Qorti twissieh u tirrimarka li lilha qalilha mod ieħor**:

| | |
|---|---|
| *"Xhud:* | *Mela wassaltha d-dar. <u>Kienu saru l-hamsa ta' filghodu</u>.* |
| *Qorti:* | *Mela mit-tlieta ta' filghodu kif saru l-hamsa ta' filghodu sakemm mort B' Kara u rgajt lura Haz-Zabbar?* |
| *Xhud:* | ***Għax waqafna go din it-triq*** |
| *Qorti:* | *Xi triq hi din? Fil-bidu għadek ma semmejtilhiex<u>. Kellek għalfejn biex tghidilha ttik bewsa tieqaf got-triq?</u>* |
| *Xhud:* | *Kull ma waqaft **lanqas two minutes**.* |
| *Qorti:* | *Appuntu jigifieri iktar w iktar waqaftu go triq* |
| *Xhud:* | *Go triq normali tal-karozzi.* |
| *Qorti:* | *Ezatt. Waqaftu fit-triq għal two minutes* |
| *Xhud:* | *Ahna u sejrin lura.* |
| *Qorti:* | *Intkom u sejrin lura pero ma tiehux allura saghtejn vjagg minn Zabbar, B' Kara, plus two minutes għal Zabbar. Kif imbagħad wassaltha fil-hamsa. F' dawk is-saghtejn x' gara?* |
| *Xhud:* | *Kien sar il-ħin sakemm mort għalih fit-tlieta, ghabbejthom xi l-erbgha* |
| *Qorti:* | *Mort għalihom fit-tlieta u ghabbejthom xi l-erbgha. Oqghod attent x' int tixhed.* |
| *Xhud:* | *Mort għalihom fit-tlieta. ... sakemm wasalt Haz-Zabbar dejjem saru t-tlieta u nofs, l-erbgha. Fhimt?* |
| ***Avukat:*** | ***Ghid il-verità**.* |
| *Qorti:* | *Taf kemm qed thawwad fix-xhieda tieghek.* |
| *Xhud:* | *Le mhux qed inhawwad.* |
| *Qorti:* | *Imissek le.* |
| ***Avukat:*** | ***Sinjur ghid il-verità.*** |
| *Qorti:* | *Sakemm Malta ma ggebditx u Haz-Zabbar iggebbed* |
| *Xhud:* | *Heqq tlajt minn B' Bugia jien għal Haz-Zabbar.* |

*Qorti:* *Il-Marija Santa kemm boghod hemm.*

***Avukat:*** ***Sinjur ghid il-verità kif ghidt lili x' gara u x' ma garax għax inti mhux qed tgħid kollox, kif ghidt lili.***

*Qorti:* *Kellek għalfejn twaqqaf il-karozza biex tghidilha ttik bewsa. Mela x' bewsa kienet ser tkun din li ser tharbtek waqt li qed issuq.*

*Avukat:* *Inti smajt illi qalu illi dhaltu lura fil-hamsa ta' filghodu.*

*Xhud:* *Kienu saru l-hamsa nahseb.*

*Avukat:* *Ok.*

***Xhud:*** ***Hi m accettatx li ttini l-bewsa u hadtha lura lejn id-dar hux.***

*Qorti:* *Ezatt u dan kollu gara f'saghtejn. Ma gara xejn izjed f' dawk is-saghtejn.*

*Xhud:* *Le xejn ma gara.*

*Qorti:* *Xejn. U saghtejn hadet biex ergajtu rritornajtu lura d-dar.*

*Xhud:* *Saghtejn ghidtlek li jien rrid nitla minn B' Bugia għal Haz-Zabbar fit-tlieta cemplet hi. Voldieri sakemm mort Haz-Zabbar, wassaltu B' Kara u nerga lura. Dejjem saru l-erbgha u nofs, il-hamsa neqsin kwart hux.*

*Qorti:* *Il-Marija Santa għax ftit qabel ghidt li stennejthom sal-erbgha biex johorgu mid-dar.*

*Xhud:* *Xi haga hekk hargu mid-dar żgur. Jien wasalt xi l-erbgha neqsin kwart jew it-tlieta u nofs. Nahseb xi t-tlieta u nofs wasalt id-dar taghhom. U nizlet bil-pagama hi nizlet."*[64]

L-imputat jisħaq li l-vittma u ommha kienu dejjem jiġġieldu u kien għalhekk li offrilha flat. Jtenni li l-omm u l-bint gidbu f'dawn il-proċeduri u dan meta fi kliemu stess kull ma raw mingħandu kien ġid biss.

**Affermazzjoni li tisfida is-sewwa peress li ma min jagħmillek ġid, bil-ġid jitpattielu w mhux b'vendikazzjoni bħal dik li jiġi akkużat b'reati kriminali mill-aktar serji!**

Iktar u iktar ma jagħmilx sens meta filli jgħid li ommha kienet tittantah u kien hu li ma tahiex wiċċ, biex fl-istess nifs jgħid li l-omm xehdet kif xehdet biex tagħmillu vendikazzjoni għax hu Laburist u hi Nazzjonalista. Dan meta l-omm faħħret l-ġenerożità tiegħu, saħqet li qatt ma rat għajn ħażina. Iktar ma jagħmilx

[64] Fol. 282-284

sens meta jitqies li x-xiehda tagħha kienet <u>limitata biss dwar dak li qaltilha bintha</u> li b'konsegwenza wasslitha biex tmur magħha sabiex isir rapport l-għassa. Ma l-istess bintha li skond l-imputat kienu *"dejjem jiggieldu kienu hux"*[65]

B'din it-teżi minn tiegħu, jaqta' l-barra għal kollox l-rwol pivotali w determinanti li kellha Omissis biex ġew istitwiti dawn il-proċeduri. Kien ir-rapport tagħha mal-Pulizija w xejn aktar li wasslet l-imputat fuq l-għatba tal-inkarċerazzjoni u mhux ommha ħabba xi antagoniżmu politiku!!

Tassew li l-imputat, saħansitra anke f'dawn il-proċeduri, <u>ma jieħu ebda responsabbiltà għall-għemilu</u> w jattribwixxi kollox għal invenzjonijiet kemm ta' Omissis u t'ommha u **dan minkejja li l-messaġġi li nstabu fuq il-mobile tiegħu stess jittraduh!**

Punt ieħor li ma jistax jiġi injorat hu kif l-imputat fix-xiehda tiegħu *viva voce* jisħaq li wara li talabha bewsa li hi rrifjutat qabad u ħadha lura lejn darha mingħajr ma seħħ xejn iżjed. Għal kuntrarju, fl-istqarrija rrilaxxata mal-Pulizija, jagħti rakkont ferm dettaljat dwar kif minn rajha għażlet timmasturbah u anke hawn l-attività kumbinazzjoni damet ukoll għal żewġ minuti; l-istess ħin li ħa biex talabha bewsa – għall-imputat donnu kollox iseħħ f'żewġ minuti:

| | |
|---|---|
| *"Qorti:* | *Sur Camilleri ismghani. Jigifieri inti dakinhar mort għaliha, tlabtha bewsa u ma tathielekx* |
| *Xhud:* | *U rgajt wassaltha d-dar.* |
| *Qorti:* | *U ma gara xejn izjed dakinhar?* |
| *Xhud:* | *Xejn ma gara. ......* |
| *Qorti:* | *Mela ha naqralek x'għidt lill-pulizija ..... "Hi dejjem tipprovokani. Waqaft bil-karozza" issa ara x' ghidtli. Illum qed tgħid li wara zewg minuti tlabtha bewsa u ma hadithiex u bqajt sejjer id-dar. Pero ha nghidlek x' ghidt lill-Pulizija u nahseb we can call it a day. "Waqaft bil-karozza u ghidtilha issa llum ha jkollok iddewwaqni z-zibga." M għadhiex aktar il-misluta imma zibga.* |
| *Xhud:* | *Il-misluta.* |
| *Qorti:* | *"Kif ghidtilha hekk jien gibt il-paletta tal-plastic ta' kulur abjad li nzomm fuqi tax-xemx tal-karozza." Bdiet tghidlek: "Twegghanix, twegghanix" u qaltek ha nbusek u hi resqet għal fuqi biex tbusni, hargitli l-parti tieghi minn jeddha u waqt li kienet qed tbusni qabdet tilghab bil-parti tieghi minghajr ma ggheltha jien, baqghet tilghab* |

[65] Fol.285

*mieghi sakemm gejt, xi two minutes kollox, kollox bit-two minutes taghmel int. Hi stess qabdet it-tissues li ghandi fil-karozza, meshitni u ma nafx x' ghamlet bihom. Tellajt il-qalziet u tlaqt inwassalha d-dar."*[66]

**Konklużjoni**

Ikkunsidrat,

Imiss issa li jiġu kunsidrati l-provi li fil-fehma tal-Qorti jippruvaw il-każ tal-prosekuzzjoni in kwantu għall-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tlieta (3) u erba' (4).

1. Il-Qorti eżaminat l-esibit[67] elevat mill-vettura tal-imputat li, bir-raġun kollu, fid-dlam u bil-biża seta jiġi żbaljat għal sikkina minħabba l-forma tiegħu b'manku daqs ta' id u l-parti ta' fuq ġejja qisha nofs ovali simili ħafna għal forma ta' *cleaver knife*. Tant hu hekk li tagħti deskrizzjoni eżatta tagħha , għajr li kienet tal-*plastic* u mhux injam u xafra, meta f'għajnejha ratha bħala sikkina bħal ma jħanxru l-fniek biha.

*"Xhud: Dik tal-fniek nghidilha jiena.*

*Avukat: 'Tal-fniek.' Issa din kienet fuq is-sun visor.*

*Xhud: Tax-xemx u hu jnizzel tax-xemx tan-naha tiegħu.*

*Avukat: Jista jkun li din il-mazza kienet fil-fatt scraper tax-xita, tal-windsceen.*

*Xhud: Ma kienetx għax kienet qieghdha m' ghonqi u*

*Avukat: Le sorry tal-ilma tax-xita.*

*Xhud: Ma kienetx. Kienet qieghdha m' ghonqi u jiena mhux ha nibza minn scraper żgur għax fil-fatt kien hemm karozza għaddiet u kelli noqghod"*[68]

2. Biex Omissis rat dan l-istrument isegwi li kienet deċiżjoni tal-imputat li għal raġunijiet li huma ovvji għamel użu minnu. Kif wara kollox anke jammetti meta jixhed *viva voce*, li ried ibeżżaha. M'hemmx dubju x'kien l-iskop li jbeżżaha:

---

[66] Fol.287-288
[67] **Dok.DC3** a fol.225
[68] Fol.260

*"Xhud:* ***Just urejtilha biss hux.***

*Qorti: Għaliex urejthielha?*

*Xhud:* ***Ghidtilha: "Jekk ma ttinix bewsa" bhal speci"***[69]

**Ammissjoni li użaha biex jikkonstrinġiħa ittieh dak li minn rajha qatt ma kienet ser tasal tikkuntentah!**

Hu interessanti li fl-istqarrija tiegħu jammetti li *"ġibt il-paletta tal-plastic ta' kulur abjad li nżomm fuq tax-xemx tal-karozza"*[70]. Fi kliemu dan bilfors seħħ fil-ħin li waqaf bil-karozza biex tbusu, *"Kull ma waqaft lanqas two minutes"*[71] meta irid jitwemmen li ***"Dakinhar tal-każ kull ma tlabtha bewsa jien biss. Nahlef"***[72]***. Hi m accettatx li ttini l-bewsa u hadtha lura lejn id-dar hux".***[73]

3. Toħroġ inkonsistenza kbira dwar ir-raġuni li l-imputat għażel, f'dawk is-sigħat bikrin tal-lejl, minflok jieħu lil Omissis lura d-dar ħadha mawra lejn l-Airport u Hal-Far wara li din ma ridietx li joħodha B'Bugia fejn jirrisjedi hu.

*"Pros: Jiena ha nsaqsih biss fuq il-fatt li kien qalilna li kien baqa` sejjer iwassalha d-dar. F' parti mill-istqarrija tiegħu kien qalli hekk: "Jien mort u qgħadt nistennihom u xi l-erbgha neqsin kwart nizlu u tlaqna." Kien qed jaghmel referenza għal Nadesch u l-boyfriend tagħha. "Wassalnieh u* ***ahna u gejjin lura lejn Haz-Zabbar jiena għaddejt minn Hal-Luqa u bqajt sejjer Hal-Far fejn il-Play Mobil."*** *X' mort taghmel hemmhekk?*

*Xhud: Konna sejrin fit-triq lura hux.*

*Pros: Le waqaft fejn il-Play Mobil.*

*Xhud: Eh?*

*Pros: Waqaft fejn il-Play Mobil. Għalfejn mort hemmhekk? Ma kienetx it-triq lejn Haz-Zabbar.*

*Xhud: Minn B' Kara.*

*Pros: Minn B' Kara għaddejt minn Hal-Luqa u bqajt sejjer lejn Hal-Far.*

---

[69] Fol.289-290
[70] Fol.288
[71] Fol.282
[72] Fol.280
[73] Fol.284

*Xhud:* ***Minn l-airport.***

*Pros: Waqaft bil-karozza u ghidtilha: "Issa llum ha jkollok idewwaqni z-zibga."*

*Xhud: Le, ghidtilha: "Illum*

*Pros: Dan x' ghidtli inti u ktibtu u qrajtulek u ffirmajtu. <u>Tista tispjegalna għalfejn mort fejn il-Play Mobil Hal-Far f' dak il-ħin ta' filghodu</u>*

*Xhud:* ***Kont għaddej minn B' Kara u hadtha bid-dawra hux.***

*Qorti: Għadek kemm ghidt li kont iddejjaqt taghmilha rufjan taghhom tatiha dawra wkoll?........*

*Xhud: <u>Hi x' giet taghmel mieghi fit-tlieta ta' filghodu?</u> Għax jiena għal għarus tagħha mort u mhux għaliha.*

*Qorti: Allura m ghidtilhiex: "Ser ittini triq zejda."*

***Dr. Abela: Skuzani, jigifieri inti la giet mieghek fit-tlieta ta' filghodu hassejt li kellek id-dritt li tieħu bewsa almenu.***

***Xhud: Ehe daqshekk biss.***

***Dr. Abela: Jigifieri inti hassejt li kellek id-dritt li tieħu bewsa u la ma riditx urejtha din l-scraper.***

***Xhud: Ehe, ehe.***

***Dr. Abela: U wrejtha l-scraper u ghidtilha: "Isma trid ittini bewsa għax ghandi l-scraper."***

***Xhud: Ehe imma ma nafx x' hasbitha.***

*Dr. Abela: Ma tafx x' hasbitha imma din li tqaxxar is-silg jigifieri.*

*Xhud: Id-dar għalhekk nuzaha jien.*

*Dr. Abela: Tajjeb. U wrejtilha ma' wiccha din?*

*Qorti: La tuzaha d-dar għaliex kienet fil-karozza?*

*Xhud: Ghidtlek: "Id-dar għalhekk nuzaha."*

*Qorti: Allura jekk tuzaha għad dar*

*Xhud: Għax kienet tal-fridge u ghamiltha fil-karozza.*

*Qorti: Imma fil-karozza x' kont ser tiskrejpja?*

*Xhud: Xejn hux. Xejn.*

*Qorti: Għax ma tantx jaghmel silg nghiduha kif inhi.*

*Xhud: Alla hares jaghmel is-silg hawn Malta.*

***Dr. Abela: Meta wrejtha din l-scraper urejthielha ma' wiccha, wrejtilha mill-boghod? Jekk nghidlek li ghamiltilha m' ghonqha***

***Xhud: Hdejja kienet din, bilqieghda hdejja.***

***Dr. Abela: Sewwa u ghamiltielha m' ghonqha u ghidtilha: "Isma trid tbusni lili."***

***Xhud: "Trid tbusni" mhux b' xi sahha jew xi haga.***

***Dr. Abela: Imma ghamiitilha m' ghonqha.***

***Xhud: Ma' wiccha kienet hux.***

*Dr. Abela: "Ma' wiccha." Xejn iktar mix-xhud."*[74]

Kif tixhed Omissis, u kif tenniet *a tempo vergine* meta għamlet ir-rapport l-Għassa, il-post fejn waqqafha tant kien imbghad li hu stess qalilha *"**jekk twerzaq darb'oħra inħanxarlek rasek. Hawnhekk toqtol u tidfen, ma jsibukx**"*[75].

**X'ma titwerwirx meta f'dak il-post abbandunat, ġo karozza li sakkarha fiha fid-dlam tal-lejl, tarah jagħmilha arma ma wiċċa! Mhux ta' b'xejn daħħlet lura d-dar *"bajda karti"* u l-ewwel kliem tagħha jkunu *"ħallini, hallini. Anzi qed tarani hajja'"*.**[76]

4. Hu l-imputat innifsu li bl-għemil tiegħu wara l-akkadut jagħżel jinforma lil diversi persuni dejjem bi skop li jilqa' għal dak li issa ntebaħ kien ser jgħaddi minnu ġaladarba Omissis għażlet tinjora t-theddid tiegħu w tirrakkonta dak li ssoġġetaha għalih.

[74] Fol.287-293
[75] Fol.228
[76] Fol.77

Hu stess ammetta ma Omissis 1, li kien seħħ xi ħaġa mhix tas-soltu ma bintha meta ċemplilha w qalilha: *"Qalli gara hafna u ma garax. Ghedtlu imma x'gara ? qalli nista kemm nigi nkellmek id-dar ? qalli għax mhux ta fuq il-mobile. ...."*[77]

Ma Kimberly Camilleri stqarr li *"inqalghetli naqra problema jiena. Ghidtlu xi problema inqalghetlek? Qalli għax bisitni Omissis u marret tgħid lil ommha."*[78] Hawn ukoll l-imputat jinqabad fi kliemu għaliex kemm il-darba kienet Omissis li spontanjament bissietu ma kellhiex għalfejn tgħid b'dan lill-ommha w anke jekk stess għaliex kellu għalfejn jinkwieta, u xi problema inqalgħetlu jekk hu ma kellux rwol attiv fl-affari? Dawn l-istqarrijiet tal-imputat ma terzi, inkluż ma omm Omissis juru r-responsabbiltà tiegħu għal dak li seħħ fejn jidher li beda jirrealizza li ser ikollu jiffaċċja konsegwenzi ta' għemilu meta Omissis ma baqgħetx siekta dwar dak li għadda bejniethom. Biex ma jingħad xejn – kemm il-darba hu ma kien għamel xejn ħażin – li ħass li kellu għalfejn idur lil omm Omissis, Kimberly, Nicole[79] u omm Samira biex jgħidilhom l-istorja tiegħu!

Filwaqt li lil dawn il-persuni jgħidilhom li kienet Omissis li bissietu, *viva voce* jikkontradixxi dan u jammetti li kien hu li talabha tbusu ***"Dakinhar tal-każ kull ma tlabtha bewsa jien biss. Nahlef"***[80]***. Hi m accettatx li ttini l-bewsa u hadtha lura lejn id-dar hux".*** [81]

5. Għalkemm l-abbli difiza, fit-trattazzjoni orali tagħha, tattribwixxi nuqqas ta' kredibbilità lil Omissis għaliex semmiet li waqfu ħdejn l-ST Microelectroncs (Kirkop) u mhux ħdejn Playmobile (Hal-Far), hu l-istess imputat stess li jsemmi li għadda *"Minn l-airport"*[82] fi triqtu lejn Ħaż-Żabbar, in-naħa l-oħra tal-gżira biex joħodha *"bid-dawra"*.[83] B'hekk altru li jagħmel sens li Omissis issemmi l-fabbrika ST Microelectronics li tinsab wara li taqbeż l-Ajruport f'Ħal-Luqa, iżda kienet l-istess xhud li tkompli:

> *"niftakar li kont dhalt go sqaq u din l-isqaq kienet minn hawn wide u kien hemm il-fabbriki niftakar u jekk tidhol hekk tibqa sejjer go sqaq u toħroġ għal xi triq kif kien qalli hu għax x' aktar veru toħroġ għal go xi triq għax f' ħin minnhom għaddiet karozza u rgajt spiccajt bil-mannara ma' ghonqi biex ma nghajjatx jiena jigifieri l-isqaq jinfed għal xi triq żgur. …… kien id-dlam u ma stajtx nara sew……..".*[84]

[77] Fol.80-81
[78] Fol.108
[79] Fol.162A-164
[80] Fol.280
[81] Fol.284
[82] Ibid.
[83] Ibid.
[84] Fol.264-265

Illi l-Qorti ma tara xejn minn dan li għandu jnaffarha milli tagħti kredibbilità w affidabbiltà sħiħa lil Omissis partikolarment meta hi stess issemmi fabbriki. Iktar u iktar magħdud mal-fatt li hu l-imputat li jistqarr fl-interrogazzjoni minn tiegħu li waqaf ħdejn il-Playmobil wara li ma ridietx li joħodha Birżebbuġa peress li ommha kienet ilha ċċempilha fuq il-mobile li beżgħet tirrispondih fil-presenza tal-imputat tant li kellha taħbih minnu.[85]

Hawn il-Qorti tistaqsi:

- <u>Għaliex kellu joħodha Birżebbuġa</u> – fejn jgħix – minflok lura darha jekk mhux biex jagħmel min kollox biex jieħu dak li kien ilu jippretendi li kellu jieħu mingħandha?
- Għaliex minn B'Kara <u>kellu għalfejn joħodha "dawra" fis sahra tal-lejl</u> meta hi żgur ma setgħetx toħroġ mill-vettura u tmur fil-pubbliku liebsa kif kienet bil-*pyjama*?

> *"Pros: Dan x' ghidtli inti u ktibtu u qrajtulek u ffirmajtu. Tista tispjegalna għalfejn mort fejn il-Play Mobil Hal-Far f' dak il-ħin ta' filghodu*
>
> *Xhud:* ***Kont għaddej minn B' Kara u hadtha bid-dawra hux.****"*[86]

Biex taqbad it-triq lejn Ħaż-Żabbar minn B'Kara lejn il-Marsa trid tiġbed u mhux lejn Ħal-Luqa, li jiġi fuq in-naħa l-oħra tal-gżira, kif jammetti hu stess:

**Il-Qorti ma għandha l-ebda diffikultà milli tqis li x-xiehda ta' Omissis għandha mis-sewwa** meta xehdet dwar dak li attwalment seħħ u li jagħti spjega għal din il-mawra man-naħa t'isfel ta' Malta u spiċċa waqaf f'area lill' hinn mit-triq passaġġa:

> *"beda jissossani ruhu għax ghandi misluta ta' lsieni u ghalih hija zibga. Beda jghidli dewwaqli z-zibga u jsaqsini x'ghandu hazin..... Tefa l-arma fuq is-seat tiegħu,hareg mill-karrozza u ġie fetahli l-bieba tieghi biex niehu n-nifs għax bdiet tghaġġili hafna qalbi u in-nifs beda jinqatali. Wara hemm rega tela fil-karozza, niżżel is-seat, neża c-cinturin u neża l-bokkla tal-qalzietu hareg il-parti tiegħu barra".*[87]

Jiġi sottolinejat id-dettal li bih il-vittma xehdet, fattur li jimmillita favur l-affidabbiltà li l-Qorti qed tagħti lix-xiehda tagħha.

[85] Fol.39
[86] Fol.291
[87] Fol.36

6. Murija l-oġġetti esibiti[88] mill-Ispettur Cuschieri il-vittma għarfet biss il-mobile tal-imputat. L-*scraper* u *bottle opener* qatt ma kienet rathom.[89] Dan juri proprja l-istat ta' biża li nħakmet bih u aktar minn hekk tingħata prova li tassew seħħ dak li rrakontat għaliex altrimenti ma kienx jagħmel sens li din kellha titwerwer daqshekk meta kienet ilha żmien u għomor titwassal mill-imputat f'kull ħin tal-jum; dan meta fi kliemha qatt ma rat għajn ħażina minnu. L-imputat persuna li, kien meqjus bħala membru tal-familja u hi kienet mdorrija jwassalha!

**7.** L-imputat jagħti l-impressjoni li Omissis *was leading him on,* tipprovokah u tinbxu. Dan ma kien assolutament veru xejn veru. Dak li kien qed jixprunah jagħmel avvanzi lejn din it-tfajla ta' sbatax (17) il-sena kienet biss il-kilba tiegħu biex ikun intimu magħha. Mill-provi miġjuba l-quddiem mill-imputat, għajr li f'messaġġi kienet tibgħatlu xi bews, ma hemm ebda traċċa ta' provokazzjoni minn naħa tagħha. Fil-fatt meta fil-jiem qabel l-aggressjoni Camilleri bagħtilha messaġġ li hu kien ser jixtrilha fwieħa w kien lest jikkuntenta f'kollox basta għal darba waħda biss tħallih jagħmel xi ħaġa, Omissis tirrispondih ***"ga ghedtlek ma nitkellmux fuqa one"*** . Minflok jieqaf hemm ikompli jipprova jixtriha *"avolja intik dik D&P perfjum? Nad"* u ta' mara li hi <u>dlonk twieġbu *"Issa nixxija jien"*.</u>[90]

8. L-affidabbiltà tax-xiehda tagħha temana ukoll mill-fatt li kieku l-vittma riedet iżżejjen il-verżjoni tagħha ma kienetx sejra tillimita l-avvanzi sesswali li seħħew għal darba biss *"Qatt minn naha tiegħu qatt ma rajt affarijiet sesswalment hlief dik id-darba."*[91]

Il-<u>**konsistenza**</u> ta' Omissis dwar dak li seħħ u li rrakontat *a tempo vergine* ma ommha, l-għada ma Kimberley[92] u Samira kif ukoll fir-rapport tagħha l-għassa hi manifestata fil-proċess intjier:

Lil Samira qaltilha kif Camilleri prova jbusha w talabha ttieh *"hand job"*.[93] Qalilha li jekk ma jbushiex iħanxrilha rasha <u>b'sikkina</u>.[94]

---

[88] **Dok.DC1-Dok.DC3** a fol.225
[89] Fol.45
[90] Fol.56-58
[91] Fol.260
[92] Fol.108
[93] Fol.118
[94] Fol.119

Lil Kimberley: "*Qaltli li qabad sikkina, beda jheddidha biha. Qallha biex bilfors tbusu u biex taghmillu hand job............ Ovvjament Omissis bezghat, ghamlet li ghamlet, marret id-dar, infaqghet tibki u marret tgħid lil ommha u ommha qaltlilha, aw u lil ommha qaltilha irringrazzja li rajtni hajja.*"

L-istess kliem li qalet lill-ommha hekk kif daħlet lura d-dar: *"'hallini, hallini. Anzi qed tarani hajja'";*[95] **evidenza li din it-tfajla għaddiet minn esperjenza trawmatika, hekk kif ommha ssemmi li x'ħin daħħlet lura ratha bajda karti u qaltilha *"'hallini, hallini. Anzi qed tarani hajja'".*[96]**

9. Il-Messaġġi

L-akbar konferma ta' dak li seħħ tiġi mill-imputat innifsu, kemm mill-messaġġi ta' bejniethom wara l-akkadut kif ukoll mit-testimonjanza mqanżħa tiegħu.

Jiġi sottolinejat li l-imputat fl-ebda ħin ma jistaqsiha għalxiex qed tirreferi jew juriha li kienet hi li bissietu jew li spontanjament għażlet timmasturbah kif jridna nemmnu! Riedha tbusu bis-sewwa jew bid-dnewwa w j**ammetti kif kien hu li inizja l-avvanz fuqha:**

Mill-messaġġi esibiti, toħroġ biċ-ċar l-persistenza tal-imputat biex Omissis taqtalu xewqtu, fejn anke mingħalih iħajjarha taċċetta billi jixtrilha fwieħa. Hi stess turih li ma tridx affari w li lesta tixtri l-fwieħa hi.[97]

Fil-jum tat-2 ta'Diċembru, 2020 -il-jum tas-sinistru – bagħtitlu biex ma jmurx għaliha. Ir-reazzjoni tiegħu kienet li jipprova jwaqqaha għalih billi jibda jsemmielha biex imorru għand in-nutar u jirranġaw l-affarijiet tal-flat li ried idawwru fuq isimha![98] Hi tirrispondih "***One amilt li amilt illum u lil gennintni min mohhi biex tihu dak li tridt allissa tibatlix one mux tort tijaj taf xamilt ħażin int***".

Tant tnaffret minnu meta talabha biex jiltaqaw biex tgħaddilu ċ-ċwievet tal-flat qaltlu li ittihomlu mill-gallarija għax ma riedet tkellem u tara lil hadd.[99] Hawn jibqa' jiffittaha biex iċċempillu jew jiltaqaw u hi, mal-ewwel messaġġi tal-għada li seħħ l-akkadut, tagħmel minn kollox biex tevita tiltaqa miegħu, eżatt kif xehdet kif jixhdu l-messaġġi esibiti a fol.60-63.

[95] Fol.77
[96] Fol.77
[97] **Dok.NS1** a fol.56-60
[98] Fol-60-61
[99] Fol.62

Mill-messaġġi jidher li **wara l-akkadut l-imputat qatt ma jinnega li kien seħħ xi ħaġa ħażina bejniethom.** Ma hemm l-ebda ċaħda meta hi tgħidlu is-segwenti-

- *"li ghamilt taf li kien xi ħaġa ħażina mwerwra għadni jien";*
- *"marridtx one bhalissa hallini skuzani imma gennintni ta vera";*
- *One amilt dak il amilt illum u lili genintni min mobhi [sic] biex tihu dak li tridt alissa tibatlix one mux tort tijaj taf xamilt ħażin int";*
- *"tibatlix aktar one".*[100]

Il-fatt li tispiċċa messaġġ b'bews ma jfisser assolutament xejn ħlief sinjal ta' *endearment* u ċertament qatt ma setgħu jiġu interpretati bħala xi stedina għall-atti sesswali u dan hu fatt minn għewl id-dinja tenut kont li bews f'messaġġi mingħajr kliem ulterjuri ma jfisser xejn għajr affezzjoni jew reazzjoni ta' bejn hbieb.

Li kieku tassew riedet tipprovokah u iġġennu setgħet tibgħat messaġġi espliċiti, hadd ma kien sidha iżda dan qatt ma seħħ. Wara kollox ghal Omissis l-imputat kien sar qisu nannuha u li tibgħat bews f'messaġġ mingħajr kummenti ulterjuri li persuna li qieset bħala nannuha qatt ma jista' jiġi interpretat bħala provokazzjoni u dan l-imputat jafu!

F'moħħ l-imputat iżda ma kienx kuntent li jkollu din l-affezzjoni. Ried iktar minnha u dak li ma ngħatax lilu volontarjament baqa sa ma ħadu bil-forza u bit-theddid, kemm waqt l-att kif ukoll wara l-akkadut meta **qabel ma niżżlet mill-vettura tiegħu wissieha li joqtolha** kemm il-darba tinforma lil xi ħadd b'dak li kien għadu kemm għaddiha minnu:

- *"ilha tipprovokani sentejn, tikxifli l'hemm u tikxifli l'hawn u jiena tad-demm u l-laħam"*[101]

- *"Hi kemm il-darba kienet toqgħod tipprovokani, tilbes skullat, tinkini bil-misluta ta' lsienha. Jien tad-demm u l-laħam ukoll. Kienet toqgħod tibgħatli messaġġi bil-bews."*[102].....

- *"aħna u ġejjin lura lejn Ħaż-Żabbar jien għaddejt minn Ħal-Luqa u bqajt sejjer Ħal Far ħdejn il-Playmobil. Waqaft bil-karozza u għidtilha ' Issa llum ha jkollok iddewwaqni z-zibġa'. Kif għidtilha hekk jien ġibt il-paletta tal-plastic*

[100] Fol.60-62
[101] Fol.14
[102] Fol.13

*ta'kulur abjad li nzomm fuq dik tax-xemx tal-karozza. Ngħid li biha żgur ma tista qatt tweġġa pero Omissis bezgħet minnha għax naħseb li ħasbitha sikkina, qaltli 'issawwatnix, twegganix, ha nbusek'. Hi resqet għal fuqi biex tbusni, ħargitli l-parti tiegħi minn jedda u waqt li kienet qed tbusni qadgħet tilgħab bil-parti tiegħi mingħajr ma ġgħeltha jien. Baqgħet tilgħab miegħi sakemm ġejt, xi 2 minutes kollox. Hi stess qabdet it-tissues li ghandi fil-karozza u mesħitni. It-tissues ma nafx x'għamlet bihom. Tellajt il-qalziet u tlaqt inwassalha d-dar. Jien tlaqt lejn id-dar tieghi. ....... "jien tad-demm u laħam bħal kulħadd...Jien niġi n-nannu tagħha pero jien ħabbejtha u kont inġib rispett lejha".*[103]

10. Il-ħażen tal-imputat u l-karattru nieqes minn kull forma ta' ċivilita joħroġ biċ-ċar meta jitfakkar li kellha titfa l-mobile fil-panty għax ried joħodulha biex ma ċċempel lil hadd.[104]

Iżda meta mistoqsi jekk Omissis kienitx libera titlaq mill-vettura, tfajla liebsa biss *pyjama* meta lanqas kien għadu sebaħ, tfajla meħuda f'post abbandunat, b'insolenza jwieġeb vilment *"Setgħet ċemplet il-mobile u ċċempel lil xi hadd jiġi għaliha"*.[105] Risposta li tkexkex fejn kummenti ulterjuri huma superfluwi. Lanqas jixraqlu jissejjaħ bniedem u dawn il-konsiderazzjonijiet jimpingu fuq il-piena li ser tiġi erogata.

**L-umanità tiegħu tħalli x-xena għall-istint annimalesk tiegħu w id-delirju karnali li bih wettaq l-atti tant moqżieża fuq minuri, minuri li hedded sakemm fl-aħħar ħa li ried**:

***"Dr. Abela: Jigifieri inti hassejt li kellek id-dritt li tieħu bewsa u la ma riditx urejtha din l-scraper.***

***Xhud: Ehe, ehe"[106].***

11. Finalment ġie pruvat ukoll li Omissis kienet minuri. Għalkemm m'hemmx dubbju li dak li seħħ bejniethom kien sfurzat fuqha, fejn hi ma kellha l-ebda rieda jew volontà tkun parteċipi fih, anke jekk għall-grazzja tal-argument kellu jitwemmen l-imputat li kienet hi li inizjat l-atti sesswali, hu xorta għandu jwieġeb għar-reat li kellu attività sesswali ma minuri. Fi kliemu:

---

[103] Ibid.
[104] Fol.39
[105] Fol.14
[106] Fol.292

*"Hi resqet għal fuqi biex tbusni, ħargitli l-parti tiegħi minn jedda u waqt li kienet qed tbusni qadgħet tilgħab bil-parti tiegħi mingħajr ma ġgħeltha jien. Baqgħet tilgħab miegħi sakemm ġejt, xi 2 minutes kollox. Hi stess qabdet it-tissues li ghandi fil-karozza u mesħitni. It-tissues ma nafx x'għamlet bihom. Tellajt il-qalziet u tlaqt inwassalha d-dar. Jien tlaqt lejn id-dar tieghi.".*[107]

Mill-provi prodotti ma hemm ebda dubbju li Omissis kellha xi parteċipazzjoni volontarja f'dak li seħħ. Kien l-imputat li aggredixxa lit-tfajla meta b'theddid sforza ruħu fuqha.

**Konsegwentement il-prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha soddisfaċentement in kwantu għall-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjoni.**

<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>

Rigward it-tieni (2) imputazzjoni kontemplata bl-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti ma tistax issib ħtija dwarha peress li tali reat jipprospetta xi forma ta' imġieba ossia *"a course of conduct"*, li f'dan il-każ ċertament ma jirriżultax ġaladarba w fortunatament għal vittma din kienet okkażjoni sporadika.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Bajada** ntqal:[108]

> "Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:
>
> "L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. Il-liġi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-subinciz (3)(c) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi għall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming*") jew idejjaq: ("*causing ..distress*") lill-persuna.

[107] Fol.13

[108] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Dr Edwina Grima, [02.05.2013]

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bħala :-

"*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",* dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss għall-każ mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan għaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-

*"…. f' każijiet bhal dawn ir-retroxena għal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi għall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."
Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tgħid li riferenzi għall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-liġi taghna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli għall-gudikant li jqis bħala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-oħra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biża' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tiġi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-liġi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jiġi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi għalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bħala a *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biża' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss għall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, għalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi għar-reat bħala wiehed kontinwat."

Imbgħad il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-każ **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef** irriteniet is-segwenti:[109]

"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-liġi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza tagħha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-liġi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw għar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will*

[109] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Maġistrat Dr Edwina Grima, [17.02.2011].

*be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tiegħu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda iżda jrid ikun hemm għall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jingħad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Għal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:

**"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Din il-Qorti mhix ser tipprova tagħti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta għal "course of conduct" għall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka każijiet, anke jekk biss bħala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx għal tali "imgieba", haga li trid tiġi deciza minn każ għal każ skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jiġi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax għal "course of conduct" għall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tiġi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tiġi punita taht disposizzjonijiet oħra tal-liġi."

## Piena

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-piena li dawn iġorru, tal-fatt li sal-aħħar mumenti ta' dan il-proċediment l-imputat qatt ma wera rimors jew skuża ruħu għal dak li seħħ partikolarment ma tfajla u familtha li kienu laqawh ġo darhom.

Mill-fedina penali aġġornata tal-imputat, esibita fuq ordni tal-Qorti, jirriżulta li fost il-varjetà ta' reati li nstab ħati dwarhom fil-passat, nhar it-22 t'April, 2004 instab ħati li kkorrompa w issekwestraha minuri biex ġgħielha tagħmel atti u toqgħod ghal atti li joffendu l-pudur tagħha. M'hemmx dubbju li l-istint bestjali tal-imputat fuq minuri irid jiġi kontrollat f'post fejn is-soċjetà tassigura ruħa li wliedha jibqaw protetti minn kreaturi bħalu.

L-istess fedina penali turi li t-theddid tiegħu anke fuq Pulizija saru biex ma jingħad xejn dwar theddid lejn persuni oħra. Il-karattru qarrieqi tiegħu jiġi rifless fil-kundanni diversi ta' frodi li nstab ħati dwarhom. Karattru li ma jiddejjaqx jikkawża ħsarat volontarji u serq. Din il-lista twila ta' reati diversi li nstab ħati dwarhom hi xiehda li l-imputat għandu jitneħħa miċ-ċirkolazzjoni tal-komunità mill-aktar fis. Hu periklu w ta' riskju mhux biss ghal minuri iżda ghal membri tas-soċjetà sħiħa. Camilleri anke instab ħati ta' resistenza ma uffiċjali tal-pulizija, turija ċara li la jirrispetta l-ligijiet u l-awtoritajiet ta' pajjiżu li anke ma jiddejjaq xejn jikkalpestahom. Il-karattru anti-soċjali tiegħu jippervadi kull sentenza li ngħatat lilu kif tixhed il-fedina penali twila u mżewwqa tiegħu.

Illi bejn l-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tlieta (3) u erba' (4) japplika l-prinċipju tal-konkors formali tal-pieni, bil-piena l-aktar gravi tkun dik kontemplata bl-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

> **207.** Kull min jinsab ħati ta' att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn <u>tliet snin sa seba' snin</u>:
>
> Iżda fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena **tiżdied bi grad.**

B'hekk il-piena għal dan ir-reat hi dik ta' priġunerija bejn <u>erba' (4) u disa' (9) snin</u> tenut kont li r-reat twettaq fuq minuri w b'arma irregolari.

Ġie meqjus ukoll li l-imputazzjoni numru erba' (4) serviet bħala mezz ai fini għall-ewwel (1) imputazzjoni.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni dak li ġie mtenni mill-Qrati tagħna dwar kif is-sentenzi li jiġu mgħoddija għandhom iservu biex jgħaddu messaġġ li ċertu għemil u kondotta ma għandhomx posthom f'soċjetà li l-għan primarju tagħha hija, qabel xejn, il-preservazzjoni tagħha:[110]

> Il-Qorti trid tikkunsidra diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien qabel ma tiddeciedi fuq il-piena, u cioe': l-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, l-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, l-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni (li f'dan il-kaz kien hemm ghajnuna), l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez – li f'dan il-kaz kien

---

[110] Per Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; **Il-Pulizija vs John Zammit**; 27 ta' Novembru 2018; Appell Nru: 351/2018

hemm), jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra.

.......

Illi huwa veru li l-imputat ghandu fedina penali relattivament nadifa salv ghal xi kontravenzjonijiet u reat zghir w ghalhekk ghandu jigi trattat kwazi kwazi bhala a first time offender, pero' dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha turi xi klemenza mieghu molto piú meta tqis li r-reati li taghhom l-ewwel Qorti sabitu hati huma reati li jkexkxu lis-socjetá bl-aktar mod sever u huwa minn dan l-agir u komportament li l-Qorti trid tipprotegi lic-cittadini dghajfa u vulnerabbi ta' din s-socjeta, biex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili. ......

Il-Qorti thoss li ghandha tkun severa mieghu fl-applikazzjoni tal-piena tieghu sabiex tibghat wkoll messagg lis-socjetá li l-Qorti mhux ser taccetta dawn it-tipi ta' reati u li hija qeghda hemmhekk sabiex filwaqt li taghmel gustizzja mal-akkuzat, tipprotegi wkoll minuri li jigu abbuzati.

Ghalhekk din il-Qorti trid taghti messagg lis-socjeta' li akkuzi bhal dawn huma ta' min jistmerrhom u ghalhekk tali stmerrija ghandha tigi riflessa fis-sentenza.

Fil-kawża **Il-Pulizija vs Francis Mamo** din il-Qorti diversament preseduta tenniet:[111]

Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[112]

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[113]

---

[111] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[112] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28.11.2006.

[113] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.

> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

Dak li għandu jiggwida l-Qorti fl-kallibrar tal-piena ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Anthony Cassar et**:[114]

> Illi l-piena erogata trid tkun tali illi tagħmel gustizzja u li tfittex li tohloq bilanc bejn il-gravita' tal-każ u c-ċirkostanzi attenwanti li jista' jkun hemm. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:
>
> **(a) the punishment of offenders**
> **(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)**
> **(c) the reform and rehabilitation of offenders**
> **(d) the protection of the public**
> **(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.**
>
> Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata iżda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun għamel.
>
> Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tiegħu, The Problem of Punishment, fis-sens li –
>
> **' …. The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'**
>
> **Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**
>
> **'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'**
>
> **Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**
>
> **'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino]".**

[114] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Dec.3 ta' Lulju, 2020; Appell Numru: 113/2014

Finalment il-Qorti ser tiċċita silta meħuda minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maurice Agius** fejn il-Qorti kienet qed tikkunsidra l- *principles of sentencing*:[115]

> Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jieħu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt) ,… Kif qal **Lord Justice Lawton** fil-kawza **R v. Sargeant** [(1974) 60 Cr.App. R. 74.]:
>
> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand, they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."** [Emfazi ta' dik il-Qorti]

Fil-fehma tal-Qorti, l-għemil bħal dak manifestat mill-imputat, il-kondotta kriminuza tiegħu, juru biċ-ċar li sakemm jasal dak iż-żmien li l-imputat tassew jirrijabilita ruħu, **postu ċertament mhux fis-soċjetà**. Hu mistenni li soċjetà tiġi protetta minn għemil daqshekk perikoluż, fejn ossessjoni ta' bniedem fuq sempliċi "misluta" sfreġjat tfajla.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 86, 87(1)(g), 202(e)(g), 207, 209 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha w tikkundannah għal piena ta' **ħames (5) snin priġunerija.**

A tenur tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti qed tordna lill-imputat jagħmel <u>kumpens ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) lil Omissis</u>.

Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **erba' mija, ħamsa u tletin Ewro u erba' w ħamsin ċenteżmu (€435.54c)** rappreżentanti spejjeż peritali.

---

[115] Per S.T.O. Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano LL.D.; Deċiża fit-13 ta' Novembru, 2009; Appell Nru. 328/09

Inoltre ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Omissis u Omissis 1 għal żmien tlett snin m'illum.

A tenur tal-artikolu 6(2) tal-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri. Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li ġaladarba din is-sentenza issir definittiva, din għandha tkun notifikata lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali sabiex id-dettalji tiegħu jiddaħħlu fir-reġistru mwaqqaf skond l-artikolu 3.

Inoltre, qed jiġi wkoll ordnat sabiex isem il-vittma w ommha ma jixxandarx fi kwalunkwe mezz ta' xandir inkluż f'gazzetti u dan sabiex ma jkunx hemm *secondary victimization* tal-istess persuni.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur.(Int. Law)**
**Maġistrat**